**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**MAĠISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Rikors numru: 183/2013 CFF**

**The Mediterranean Wellbeing Co Ltd**
**Vs**
**Stephen Bajada**

**Illum 3 ta' Ottubru 2023**

**Il-Qorti;**

Rat **ir-rikors** tas-soċjeta attriċi fejn talbet li l-konvenut jiġi kkundannat:

Li tħallas danni li jridu jiġu likwidati minn din l-Onorabbli Qorti liema danni għal finijiet ta' kompetenza qed jiġu limitati għal somma li ma teċċedix il-ħdax-il elf sitt mija u sitta u erbgħin ewro u sebgħa u tmenin ċenteżmu tal-ewro (11,646.87 Euro), li ġew ikkaġunati minnek jew min-nies taħt il-kontroll jew direzzjoni tiegħek abbord il-bastiment M.Y. Drenec, liema xogħolijiet ma ġewx eżegwiti skont il-ftehim milħuq, ma sarux skont l-arti u s-sengħa saru mingħajr id-diliġenza meħtieġa u ma kienux tal-livell rikjest u kif ukoll tiswijiet li kienu neċessarji wara li ġew ikkawżati ħsarat minnek jew min-nies taħt il-kontroll jew direzzjoni tiegħek fuq l-imsemmi bastiment. Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-ittra uffiċjali bin-numru 968/2013 (vide anness dok A) u bl-imgħax kontra tiegħek li inti issa inġunt in subizzjoni.

Rat **ir-risposta** ta' Stephen Bajada li espona:

1. Illi l-eċċipjent ma' għandu ebda relazzjoni ġuridika mas-soċjeta attriċi u dan stante illi huwa ġie kkuntrattat jeżegwixxi xogħolijiet minn aġent tas-sid tal-bastiment MY Drenec, Ken Donaldson għall-istess bastiment.

2. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, ma hux minnu illi l-eċċipjent esegwixxa xi xogħol ħażin, negliġenti jew kontra s-sengħa u l-arti. Kien fil-fatt sid il-bastiment, li għalih saru x-xogħolijiet, li rrenda t-twettiq tax-xogħol impossibbli u dan minħabba li dan beda jirrifjuta jħallas għax-xogħlijiet imwettqa mingħajr raġuni valida fil-liġi, tant illi l-istess

eċċipjent diġa' intavola kawża in rem kontra l-bastiment għal ħlas ta' kumpens għax-xogħol esegwiet fl-ismijiet Bajada Stephen vs Dr. Martin Fenech noe 2601/11 GV.

3. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, dato ma non concesso illi l-eċċipjent ikkawża xi ħsarat, l-atturi qatt ma taw l-opportunita' sabiex isiru t-tiswijiet meħtieġa mill-eċċipjent u lanqas ma saret xi prova illi sar xi tentattiv sabiex il-ħsara tkun minimizzata mis-soċjetà attriċi. Il-fatt huwa illi l-aġent ta' sid il-bastiment keċċa lill-eċċipjent minn abbord wara li rrifjuta mingħajr raġuni valida fil-liġi li jħallas il-kumpens dovut lill-eċċipjenti;

4. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost trid tinġieb prova dwar id-danni allegatament sofferti u l-kwantifikazzjoni tal-istess;

5. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost f'kull każ it-talbiet attriċi huma kollha nfondati fil-fatt u fid-dritt;

6. Salv eċċezzjonijiet ulerjuri

Rat l-atti tal-kawża fejn kienet ingħatat sentenza mill-Qorti ta' l-Appell (Kompetenza Inferjuri), u rat id-digriet fejn din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta.

**Ikkunsidrat:**

Illi **Kenneth William Donaldson** xehed permezz ta' affidavit, fejn qal li bħala direttur u in rappreżentanza tas-soċjeta' The Mediterranean Wellbeing Co. Ltd kienet ġiet imqabbda mis-soċjeta' Sark Ltd bħala project manager sabiex isir xogħol ta' manutenzjoni fuq motor yacht bl-isem ta' Drenec. Illi Eric Souetre kien qabbdu biex jagħmel u jara li jsir ix-xogħol u ta' dan kellhom jitqabbdu diversi kuntratturi għal xi xogħol speċifiku. Illi r-rwol tas-soċjeta' attriċi kienet li tara li tikkordina dawn il-ħaddiema kollha biex ix-xogħol jitlesta. Illi skont l-esiġenzi kien hemm xi xogħol li tqabbdu kuntratturi mill-istess sidien tal-yacht kif ukoll mis-soċjeta' attriċi. Illi minħabba li kellu jsir xi xogħol għal HVAC (Heating and Ventilation, air Conditioning). Għall-bidu kien hemm diġa' ħaddiema jagħmlu xi xogħol u minħabba l-ammont ta' xogħol li ried jitwettaq gie deċiż li jdaħħlu lil ħaddiehor biex jagħmel dan ix-xogħol. Wara konsultazjzoni ma' kumpanija lokali, ġie mgħoddi l-isem tal-konvenut biex jagħmel dan ix-xogħol. Fil-fatt dan ix-xogħol inbeda fis-sena 2011 u dan wara li deher li l-konvenut kellu ħafna esperjenza u proġetti relatati ma' dan it-tip ta' xogħol. Ġara li skont il-ftehim kien li l-konvenut jippreżenta x-xogħol li kien qiegħed jagħmel sabiex jitħallas iżda kien hemm mumenti fejn ma kienx jiġi għax-xogħol jew iħalli lil xi ħaddiehor li ma kellux esperenzja tax-xogħol. Kien hemm nuqqas ta' koordinament ma' kuntratturi oħrajn sabiex ix-xogħol ma jieqafx. Wara ħafna problemi kien ġie infurmat mill-istess konvenut li f'Ġunju 2011 kien għamel pressure test iżda ġara li ħaddiema oħrajn kienu taqbu pipe u ried li jitħallas. Ġara li minħabba li l-konvenut ma kienx tħallas tax-xogħol tiegħu u fetaħ kawża kontra l-istess motor yacht fejn dan tħallas tax-xogħol. Illi minħabba li kien sar xogħol ħażin kellha titqabbad kumpanija

oħra sabiex jiġi irranġat ix-xogħol li kien sar mill-konvenut u anki kien hemm il-bżonn li tinqala' xi għamara li kienet twaħħlet diġa'. Fil-fatt sabiex jerġa' jissewwa x-xogħol kien qabbad is-soċjeta' M&E Installations Ltd fejn ix-xogħol tagħhom ġie jiswa' 5,299.12 Euro kif ukoll is-somma ta' 3190.63 Euro lil EDM Vedder li għalhekk it-total kien ta' 8,489.75 Euro. Illi l-istess xhud esebixxa diversi dokumenti in sostenn tat-talbiet tiegħu fejn juri x-xogħol li kellu jsir kif ukoll rapport tax-xogħol li kien sar.

Illi l-istess xhud reġa' xehed fis-seduta tas-19 ta' Mejju 2014 fejn kompla jgħid li huwa kien ħallas is-somma ta' 3,000 Euro lis-soċjeta MA & A bil-quddiem tal-materjal li kien se jintuża għax-xoghol. Illi wkoll kien ħallas 2,000 Euro lill-istess konvenut liema flus kienu tas-soċjeta' attriċi jew inkella minn tiegħu personali (ara dok KWD 1 u KWD 2). Illi għalkemm inħarġu dawn il-flus permezz ta' cheques, il-konvenut ma ħareġ ebda riċevuta fiskali tal-VAT. Ġara li permezz ta' nota ġew preżentati wkoll diversi ħlasijiet oħrajn li saru permezz ta' cheques.

Meta l-istess xhud xehed din id-darba in kontro-eżami fejn qal li huwa qatt ma kien talab permess sabiex jiftaħ din il-kawża u lanqas ma nfetħet kawża kontrih għax-xogħol ħażin li kien sar mill-istess sidien tal-motor yacht. Illi ġara li kien hemm diversi leakages mill-pajpijiet li kien għamel il-konvenut u dan kien talab sabiex isir rapport minn ħaddiehor iżda qatt ma ġie muri lill-istess Steve Bajada. Huwa kompla jgħid li kien jaf li s-sidien tal-motor yacht kienu ħallsu tax-xogħol lil Steve Bajada iżda huwa ma għandux x'jaqsam xejn ma' dan il-fatt.

Xehed permezz ta' affidavit **Timothy Paul Senior Bliss** fejn qal li huwa kien jaħdem ta' engineer. Huwa kien ġie mqabbad minn Ken Donaldson sabiex jagħmel xogħol ta' elettriku fuq il-motor yacht Drenec liema xogħol kellu jibda f'Marzu 2010. Ix-xogħol kellu li kellu jsir fuq l-istess motor yacht kien taħt id-direzzjoni ta' Kenneth Donaldson fejn ix-xogħol tlesta fis-sena 2012. Illi l-unika problema li kien hemm hu dwar dak li kellu jagħmel l-istess konvenut Stephen Bajada fejn kien jagħmel żmien ma jidhirx għax-xogħol u għalhekk kien qiegħed jaffetwa l-programm tax-xogħol. Ix-xogħol li kellu jagħmel Bajada kellu jsir qabel ma titwaħħal l-għamara li kienet ġiet importata mill-Olanda. Wara xi żmien l-istess Bajada qabad ħa l-għodda u telaq minn fuq il-post u l-istess Kenneth Donaldson kien infurmawh li x-xogħol li kien għamel ma kienx ta' kwalita'. Huwa żied jgħid li huwa kien preżenti għal meta kien sar il-pressure test fejn dan ħareġ li ma kienx tajjeb fejn kien hemm diġa' mwaħħla l-għamara. Dawn il-pajpijiet kienu tas-sistema tal-air conditioners.

Xhud ieħor li xehed permezz ta' affidavit kien **Arjan Metaraku** qal li huwa direttur tal-kumpanija M&E Installations Ltd fejn kienet kompliet ix-xogħol abbord il-motor yacht Drenec. Wara li kienu għamlu xi spezzjonijiet fuq ix-xogħol li kien hemm raw li kien hemm xi difetti fix-xogħol li kien hemm. Fil-fatt wara din l-ispezzjoni kienu għamlu dak ix-xogħol neċessarju u ta' dan kien tħallas fl-ammont ta' €5299.12. Huwa esebixxa diversi dokumenti (a fol 139 et seq) tax-xogħol li kien għamel liema xogħol kien ġie aċċettat u b'hekk kien tħallas.

Xehed fis-seduta tat-22 ta' Frar 2018 **Michael Weder** fejn qal li huwa interior specialist fl-industrija tal-Yachting però iffukat fuq xogħol ta' injam. Huwa kien ġie mqabbad sabiex jagħmel ix-xogħol fuq il-motor yacht direttament mis-sidien u filwaqt jaħdem ma' Kenneth Donaldson li kien il-project manager. Ix-xogħol tiegħu kien li jagħmel dak kollu neċessarju tax-xogħol intern tal-istess yacht għal dak li għandu x'jaqsam mal-għamara. Ix-xogħol tal-plumbing, elettriku u affarijiet oħra kellhom jgħddu minn wara l-għamara li kellu jagħmel hu. Huwa kkonferma li kien jaf lill-konvenut bħala l-plumber li kien fuq il-post sabiex jagħmel xi xogħol ukoll. Ix-xogħol tal-plumbing kien waqa' lura u għalhekk Kenneth Donaldson ra li kellu jitqabbad ħaddieħor sabiex jagħmel dan ix-xogħol għaliex huwa ma setax ikompli x-xogħol tiegħu minħabba li kien għad hemm xogħol ieħor li ma kienx lest. Huwa mill-ewwel kien induna li x-xogħol ma kienx qiegħed isir sew tant li kull darba kien jiġbed l-attenzjoni, l-konvenut ma kienx jieħu pjaċir b'dak li kien qiegħed jingħad lilu. Sabiex kienu jsiru l-laqgħat kienet tintbagħat email lil kulħadd pero' l-biċċa l-kbira l-konvenut ma kienx jattendi għalihom. Ix-xogħol li kellu jsir tas-sistema tal-AC kienet f'idejn Bajada u kellu miegħu persuna oħra tgħinu. Kull parti tax-xogħol li kien ikun lest kien jingħata li jista' jkompli wara li jkun sar il-pressure test ħalli wara jitwaħħal l-affarijiet li huma kellhom jagħmlu. L-approvazzjoni biex ikompli kienet tiġi minn għand Ken għax huwa kien il-project manager. Għal ħabta ta' Ġunju jew Lulju kien infurmawh Ken li kien hemm leakage u din kienet wara l-għamara li kienu poġġew huma u dan kien ifisser li jridu jneħħu kollox. Huwa fil-fatt kien ġie infurmat li kien daħal vit fis-sistema meta bdew iwaħħlu t-tapiti iżda meta neħħew l-affarijiet ma sabu xejn minn dan kollu. Mit-testijiet li bdew jagħmlu irriżulta li dan il-leak kien ġej mill-fittings. Ġara li kien hemm diversi leaks ma' postijiet oħrajn tant li anki kellu jinqala l-insulation li kien tpoġġa. Meta spezzjonaw pajpijiet tal-għamla Hep20 sabu li kien inqata' b'sikkina u dan wara li kien qatgħu l-insulation li kienet daqsxejn diffiċli biex isibuha minħabba fejn kienet. Dan ix-xogħol sar flimkien ma' plumber ieħor għaliex Bajada darba kien ġie fuq il-vapur u ħa l-għodda kollha u telaq. Minħabba li kien hemm il-bżonn li jinqala' x-xogħol ġara li żiedu l-ispejjeż liema kont kien tħallas mis-soċjeta' attriċi.

Meta xehed in kontro-eżami huwa kkonferma li kien ġie mqabbad dirett mis-sidien tal-yacht waqt li Ken Donaldson kien il-project manager. Minħabba li x-xogħol tal-plumbing waqa' lura minħabba li s-sidien bdew iżiedu x-xogħol, u b'hekk Ken Donaldson qabbad plumber halli jagħmel ix-xogħol. Kien f'dan il-mument li Bajada daħal fix-xena minħabba li kien żdied ix-xogħol li kellu jsir fuq il-yacht. Huwa kkonferma li Ken kien iċempel lil Bajada kemm il-darba għax kien iċempel minn ħdejh. Illi rigward l-emails li kien jibgħat jikkonferma lil Bajada kien ikun fihom. Huwa zied li x-xogħol li kien qiegħed isir fuq il-yacht kienet qiegħda tagħmlu l-kumpanija tiegħu u hu kien jivvjaġġa regolari lejn Malta izda huwa dejjem kien hemm il-ħaddiema tiegħu jagħmlu x-xogħol. Għalkemm qal li sar jaf li Bajada kien tħallas tax-xogħol huwa ma daħalx f'din il-kwistjoni imma li jaf li l-pajpijiet li twaħħlu kienu minn Bajada. Meta ġie mistoqsi jekk fil-fatt ix-xogħol kienx tlesta qabel ma waħħal il-panels huwa spjega li x-xogħol kien sar u l-pressure test kien sar minn Bajada u nfurmawh li jista' jkompli bix-xogħol u dan wasal mingħand il-project manager.

L-konvenut **Stephen Bajada** xehed permezz ta' affidavit fejn qal li huwa jaħdem fuq sistemi tal-air conditioners u plumbing. Kien ġie avviċinat minn Kevin Portelli sabiex jaħdem fuq sistema tal-arja kundizzjonata fuq bastiment MY Drenec kif ukoll central heating u s-sistema tad-dranaġġ. Kompla jgħid li huwa kien tqabbad mis-sidien tal-vapur u mhux minn Ken Donaldson li kien biss il-project manager. Il-materjal kellu jingħata kollu mill-project manager u wara jitħallas tax-xogħol li jkun għamel. Kull ġimgħa kellu jibgħat invoices u time sheets iżda ġara li wara ħmistax beda jkun hemm problemi tal-ħlas tax-xogħol li kien qiegħed isir. Huwa kien ġie infurmat minn Ken Donaldson li s-sidien tal-vapur ma kienux qegħdin iħallsuh. Ix-xogħol xorta baqa' għaddej mingħajr ma waqaf u anki ħallas il-pagi tan-nies tiegħu iżda wara l-ħames ġimgħa xorta ma baqax tħallas tax-xogħol li kellu jagħmel. Huwa kien kellem lis-sidien iżda qalulu li Ken kellu jħallas il-pagi tagħhom ghax kienu jiġu mgħoddija lilu. Għalkemm bdew jinħarġu t-time sheets Ken Donaldson xorta baqa' ma jħallasx il-pagi li telgħu għal kważi 8,500 Euro. Kien preżenta wkoll diversi invoices ta' materjal li kien xtara u ma tħallasx tiegħu iżda xorta baqa' ma ħallas xejn dak li kien dovut. Kien għalhekk li waqaf jaħdem fuq il-bastiment tant li anki ma kienux ħallewh jieħu l-għodda li kien hemm fuq il-bastiment. Kompla jgħid li sidien il-bastiment kienu qalu lil Ken Donaldson sabiex ma jersaqx lejn il-vapur minħabba biza' li seta' jagħmel xi ħsara fuqu. Għalkemm huwa ma kienx tħallas tax-xogħol li kien għamel, kien sar arranġamenti mas-sidien tal-vapur sabiex iħallsuh tax-xogħol li kien għamel. Fil-fatt kien ġie iffirmat kuntratt ta' ftehim bejniethom fuq hekk. Ix-xogħol li kellu jsir ma kienx hemm pjanijiet għalih tant li kien hemm konfużjoni ta' dak li kellu jsir tant li x-xogħol ma setax jitlesta. Illi mill-korrispondenza li ġiet eżebieti, kien hemm email li turi li l-istess Ken Donaldson kien għoġbu x-xogħol li kien sar u kien hemm anki żmien fejn kien ħallas tax-xogħol. Kompla jgħid li t-testijiet ma kienux saru għax ix-xogħol qatt ma kien lest u għalhekk ma setgħux isiru testijiet. L-unika testijiet kienu saru fuq il-pajpijiet tax-shower tant li Timothy Bliss kien iffirma għalih.

Rigward ix-xogħol tas-sistema tal-arja kundizzjonata huwa żied jgħid li ma kienx lesta kollox għajr għal tlett postijiet u qatt ma kien wassal is-sistema sac-chillers minħabba li kellhom jitwaħħlu minn Cassar Shipping. Filwaqt is-sistema tac-central heating diġa' kien hemm fuq il-bastiment waqt li għas-sistema idrawlika kellu Sistema eżistenti u minħabba refurbishment is-sistema kella tiġi rranġata. Kompla jgħid li l-boilers qatt ma kienu twaħħlu meta huwa kien qiegħed jagħmel ix-xogħol u dan Ken kien gideb. Kien l-istess Ken Donaldson li xtara l-materjal tax-xogħol imma ġara li mhux dejjem kien jgħaddi l-materjal tant li kien hemm żmien fejn kellu jixtrih hu stess. L-istess Michael Veder kien jagħmel l-istess xogħol bħal tiegħu u dan mill-bidu beda jmaqdar ix-xogħol li kien qiegħed isir. Għalkemm kienu jimxu skont x'kien jgħid Ken Donaldson huwa qatt ma provdilhom pjanta tax-xogħol li kellu jsir.

Illi ma kienx minnu li huwa qatt ma kien ikun fuq il-bastiment għax skont hu, huwa biss jaf jiwweldja l-pajpijiet tar-ram. Illi skont hu, huwa kien tħallas tax-xogħol skont in-numru tan-nies li kienu jkunu jaħdmu dak il-ħin fuq il-bastiment. Illi fil-fatt Ken Donaldson ma kienx mexa skont il-ftehim tal-ħlas tant li kien hemm anki xahar sħiħ fejn ma kienx ħallas dak li kien dovut lilu.

Kompla jgħid li ċertu materjal u l-ħlas tal-pagi kien ħallas hu stess. Huwa stqarr li jekk ix-xogħol ma kienx tajjeb allura kif is-sidien tal-bastiment kienu ħallsuh.

Id-difetti li semma Ken Donaldson kollha huma xejn ħlief allegazzjonijiet foloz. Skont hu x-xogħol kien sar tajjeb u sar kollu fil-mument li kienu għadu jaħdem fuq il-bastiment. Ix-xogħol li sar wara ma jistax jgħid li għamlu hu u jekk kien hemm testing u għamara li ġiet magħluqa f'dak iż-żmien ma jistax jitkellem għalih hu għax ma kienx għamlu. Huwa elenka diversi xogħolijiet li għamel sabiex iwaqqa' dak li qal l-attur (ara affidavit a fol 179 u 180). Illi skont hu, dak li qal Ken Donaldson fuq it-testing li falla ma setx ikun għax huwa ma kienx lesta x-xogħol għax hu kien diġa' telaq. Il-fatt li qabdu u waħħlu l-għamara qabel ma sar it-test din kienet problema tagħhom u mhux tiegħu. Il-fatt li kien hemm qata' fil-pipework ma setx sar minnhu u ma setax jifhem għala bl-għamara u dan il-fatt ħareġ mill-istess dokument li ġie esebiet mill-istess attur. Jkompli jinsisti li x-xogħolijiet jekk saru ħżiena kienu saru minn ta' warajh u mhux minnu.

Illi fuq ir-rapport li sar minn M&E installations ma kienx minnu li l-qies tal-pajpijiet installati ma kienux tal-istess speċifikazzjoni għaliex hu qatt ma kien wassal ix-xogħol sac-chillers. Rigward il-fan coils li għamlu referenza għalihom setgħu kienu li kien hemm qabel jew inkella li twaħħlu wara. Illi fuq dak li qal Michael Veder għalih ikkonferma li hu kien ikun fuq il-bastiment għax ċertu tip ta' xogħol hu biss seta' jagħmlu ħadd aktar. Ix-xogħol tal-plumbing kien inbeda minn ħaddiehor u kien hemm il-bżonn li jitqabbad ħaddieħor.

In konkluzzjoni jgħid li jekk huwa għamel xogħol ħażin, għala kien tħallas mis-sidien tal-bastiment, x'kienet ir-raġuni li huwa kien beda jitħallas tax-xogħol mill-istess Ken Donaldson u dak li qalu l-oħrajn bħal M&E Installations u Timothy Bliss kien kollu falz fuq ix-xogħol li kien għamel hu fuq il-bastiment (ġew esebieti diversi korrispondenza u invoices li jinsabu a fol 187 et seq).

Xehed ukoll **Alexander Young** fejn qal li l-konvenut huwa miżżewweġ it-tifla tiegħu. Huwa kkonferma li kienu bdew xogħol fuq bastimet u hu kienu jgħinu biss inewwel l-affarijiet. Illi skont hu, l-konvenut kien ikun dejjem fuq il-bastiment u jdumu hemm xi tmien siegħat. Huwa kkonferma li kien tħallas tax-xogħol minn għand is-sidien tal-bastiment. Dak iż-żmien li kienu qegħdin jagħmlu dan ix-xogħol huwa kien pensjonant u hu kien sempliċiment inewwel l-għodda lill-konvenut. Huwa qal li ġieli medd idejh u kien hemm każ fejn beda jdawwar il-packing mal-pajpijiet.

In kontro-ezami, xehed **Kenneth Donaldson** fejn qal li kien hemm ħaddiema li gew imqabbda mis-sidien waqt li kien hemm kuntratturi li ġew imqabbda minnu għal ċertu tip ta' xogħol. Illi l-bastiment kien propjeta' ta' Eric Swetr u l-proġett kien jimxi skont l-istruzzjonijiet tiegħu. Huwa kkonferma li qabel ma' ġie mqabbad il-konvenut għal dan ix-xogħol kien hemm plumber ieħor qablu. Illi kien hemm xi xogħol ta' plumbing li kienu minuri magħmula minn persuna oħra qabel il-konvenut fejn huwa kompla fejn kien ħalla l-ieħor iżda

x-xogħol tal-arja kundizzjonata ġiet magħmula minnu. Huwa kkonferma li kien irċieva diversi emails mingħand Steven Bajada dwar il-ħlas dovut lilu iżda skont hu dejjem ħallsu. Illi kompla jgħid li kien hemm diversi laqgħat fejn il-konvenut ma kienx jattendi għalihom sabiex jiġi diskuss il-pjan tax-xogħol. Illi l-affarijiet bdew jinbidlu u x-xogħol li kellu jagħmel il-konvenut kien li jsir u ħaddiehor jimxi warajh iżda minn dan kollu kien hemm problemi għaliex hu biss m'għamilx ix-xogħol sew. Fuq il-livell tax-xogħol li kien jagħmel il-konvenut kien jirraportah lis-sid tal-bastiment. Meta ġie mistoqsi x'kienet ir-raġuni għala l-konvenut kien tħallas ta' xogħolu mill-istess sidien huwa ma ta ebda spjegazzjoni. Illi huwa fetaħ il-kawża biex jitħallas tal-flus li huwa kien ħareġ sabiex jiġi rranġat ix-xogħol li kien sar. Illi l-istess sidien tal-kumpanija kienu naqsulu flus minn tiegħu meta kienu ħallsu lill-konvenut. Illi huwa ma fetaħ ebda kawża kontra s-sidien tal-bastiment fuq il-flus li naqsulu għaliex skont hu x-xogħol kien sar ħażin mill-istess Steven Bajada. Illi skont hu, l-ammont li naqsulu ma għandu x'jaqsam xejn max-xogħol li kien sar iżda l-kawża li kien fetaħ l-istess Stephen Bajada kienet fuq ħlas dovuti tax-xogħol li kien għamel għalkemm wara irrisponda li ma kienx ċert eżatt fuq x'hiex tħallas. Illi skont hu kien sar pressure test wara li kien telaq l-istess konvenut fuq xogħol li kien għamel f'Lulju. Fil-fatt huwa kkwota minn dokument dwar leakages li kienu sabu u difetti oħrajn fix-xogħol. Huwa kien ta struzzjonijiet li titwaħħal l-għamara għaliex kien ġie infurmat li kien sar pressure test. Huwa kkonferma li kien bagħat email f'Ġunju fejn kien irringrazzja x-xogħol li kien għamel Stephen Bajada. Illi wara li kien sar rapport minn kumpanija dwar xogħol li kien għamel l-istess konvenut huwa kkonferma li kienu kumpaniji li huma rivali tiegħu u qatt ma kien kellmu dwar ix-xogħol ħażin li kien sar.

Xehed in kontro-eżami **Stephen Bajada** fejn qal li l-ħlasijiet tax-xogħol tiegħu bdew jidħlu tard u kien hemm okkażjoni waħda li tħallas fil-ħin miftiehem. Huwa nnega li kien hemm xi korrispondenza dwar il-fatt li l-figuri ma kienux qegħdin jaqblu fl-invoices. Fl-invoices li huwa esebixxa semma li kien hemm ukoll Alexander Young fuq il-post u r-rata tal-ħlas kienet waħda fissa iżda jekk kien jaqa' fil-weekend allura jsir ħlas differenti. Meta ġie muri invoice ta' kif kien hemm diskrepanza fil-ħlas tal-ħaddiema ma setax jagħti spjegazzjoni dak il-ħin. Huwa kkonferma li l-attur kien ħallsu b'diversi ċekks li nħarġu u kien għamel rapport mal-Pulizija rigward l-għodda li naqsu minn fuq il-bastiment. Huwa kompla jgħid li kien għamel pressure test kien għamel wieħed fl-14 ta' Ġunju 2011 u kien għamel ieħor. Meta ġie mistqosi għala kien semma wieħed biss imma ikkonferma li kien għamel tnejn. Huwa kien għamel pressure test fis-7 t'Awwissu 2011 fejn kien għamlu sabiex jikkontrolla x-xogħol li jkun sar biex ikun jista' jkompli l-installazzjoni. Meta mistqosi jekk fil-fatt kienx għamel il-pressure test u kien għadda minn kollox ma kienx minnu u minn dak li kien hemm fid-dokument li huwa esebixxa juri biss x'għamel. Huwa żied jgħid li l-pressure tests kien sar in sections. Fuq rigward l-email li Ken Donaldson kien faħħar ix-xogħol tiegħu kkonferma li kienet dwar laqgħa posittiva li kienet saret u mhux fuq ix-xogħol. Ix-xogħol tal-acorn u c-chillers huwa ma kellu x'jaqsam xejn fihom tant li l-pajpijiet tal-acorn diġa' kienu hemm waqt l-installazjoni tac-chillers kellhom jagħmillhom haddiehor. Ix-xogħol tiegħu kien li jwassal il-pipes sac-chillers iżda dawn ma

kienux għadhom twaħħlu. Huwa kien qabbad biss is-sistema minn post għall-iħier iżda mhux mac-chillers. Meta saret referenza għall-fatt li kien qal fl-affidavit tiegħu dwar il-pipe work li ma kienx lest, huwa spjega li dawn kienu in sections u cioe' kamra għal kamra. Meta jsir il-pressure test, kien għalhekk jingħalaq. Huwa nnega li kien qal verbalment sabiex jagħlaq ix-xogħol minħabba li kien għamel it-tieni pressure test għaliex fil-fatt ma hemm xejn iffirmat. Ċertu valves ma kienx waħħalhom hu u ma jeskludiex li twaħħlu minn terzi warajh. Fuq il-kummenti li qal fl-affidavit tiegħu u cioe' l-fatt li ma kienux disenjaturi u ma setgħux jirranġaw il-problemi li ħoloq l-istess Donaldson, u għalkemm gibdu l-attenzjoni x-xogħol xorta baqa' jsir. Għalkemm kien jaf li x-xogħol ma kienx qiegħed sew, xorta kompla għax mhux l-klijent hekk ried li jsir ix-xogħol.

Illi fis-seduta tas-16 ta' Frar 2021, reġa' kompla jixhed in kontro-eżami fejn fuq invoice li tinstab a fol 192 u l-oħra 197 indika li ma kien hemm ebda differenzi fir-rati tal-ħlas. Ir-rati differenti kienu jiħu diskussi mal-project manager minħabba postijiet li jkunu aktar magħluqa. Rigward ir-rata u t-total li kien ħadem, ħareġ li fil-fatt kien hemm żball. Ir-rati tax-xogħol kien mifthiema verbalment u ma kien hemm xejn bil-miktub.

**Ikkunsidrat**

Illi f'dan il-każ, il-konvenut kien tqabbad sabiex jagħmel xi xogħol ta' plumbing kif ukoll ta' installazzjoni ta' arja kundizzjonata fuq bastiment. Illi l-project manager kien l-istess attur fejn skont ma' qal hu stess, ċerti kuntratturi ġew imqabbda mill-istess sidien tal-bastiment waqt li oħrajn kienu mqabbda minnu. Illi f'dan il-każ, skont ma' qal huwa stess kien hu li qabbad il-konvenut sabiex jagħmel dan ix-xogħol. Illi fil-bidu ta' dan ix-xogħol kienu ġew mifthiema l-modalita' tal-ħlas kif kellu jsir u taħt liema kundizzjonijiet. Illi ġara li bejn l-attur u l-konvenut inqalaw diżgwied kemm fuq ħlas kif ukoll fuq l-istess xogħol li kien qiegħed isir tant li l-istess konvenut kien abbanduna x-xogħol li kien qiegħed jagħmel. Illi minħabba r-raġunijiet li kien ta l-istess attur, ix-xogħol li kien għamel il-konvenut kien ħażin tant li kien qabbad lil ħaddieħor sabiex jagħmlu rapport u jirranġaw ix-xogħol ħażin li kien seħħ. Illi min-naħa tal-istess konvenut huwa nnega li kien hemm xi xogħol ħażin u tefa' t-tort fuq l-istess attur kemm għall-fatt li ma kellux pjan għax-xogħol kif ukoll li ma kienx qiegħed iħallas skont il-ftehim li kien hemm bejniethom. Illi l-istess konvenut minħabba li huwa wkoll ma kienx tħallas tax-xogħol li kien għamel, fetaħ proċedura oħra kontra s-sidien tal-bastiment fejn kien wasal fi ftehim bil-miktub u tħallas dak kollu li kien dovut lilhu. Illi min-naħa tal-attur huwa spjega li għalkemm is-sidien kienu ħallsu lill-konvenut, huwa spiċċa minn taħt għax kienu qatgħu s-somma li kienu ħallsu lill-konvenut. Illi minħabba li huwa kellu jqabbad persuni oħra sabiex jerġgħu jirranħaw ix-xogħol kif ukoll jerġa' jinqala' l-għamara li twaħħlet, kellu joħroġ is-somma li huwa qiegħed jitlob f'dawn il-proċeduri.

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti timxi mal-prinċipju li fil-kamp ċivili l-piż tal-prova huwa mixħut fuq min jafferma fatt, u mhux fuq min jinnegah. Illi in oltre, kif ġie affermat fis-

sentenza fl-ismijiet **Maria Stella Borg vs Joseph Cassar et** deċiża nhar il-ħamsa w għoxrin (25) t'April, 2002, mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili:-

> ***"Il-ġudikant, fil-kamp ċivili, għandu jiddeċiedi fuq il-provi li jkollu quddiemu, meta dawn jinduċu fih dik iċ-ċertezza morali li kull tribunal għandu jfittex, u mhux fuq sempliċi possibilitajiet; imma dik iċ-ċertezza morali hija biżżejjed, bħala li hi bażata fuq il-preponderanza tal-probabilitajiet. U dan għad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali, fejn il-ħtieġa trid tirriżulta mingħajr ma tħalli ebda dubju raġonevoli."***

Għal dak li huwa apprezzament tal-provi, l-kriterju determinanti m'huwiex jekk il-ġudikant assolutament jemminx dak li jkun ġie spjegat lilu, iżda jekk dawk l- ispjegazzjonijiet humiex verosmili fiċ-ċirkostanzi svarjati tal-ħajja (**Borg vs Bartolo**– Appell Inferjuri – 25 ta' Gunju, 1980). Il-grad ta' prova rikjest fil-kamp ċivili huwa dak li biżżejjed li jkun inissel ċertezza morali f'moħħ il-ġudikant li tkun indotta minn preponderanza ta' provi meqjusa fuq bilanċ ta' probabilitajiet (**Caruana vs Laurenti** – Prim'Awla tal-Qorti Ċivili – 8 t'April, 1994 ; **Borg vs Manager ta' l-Intrapriża tal-Ħalib** – Prim'Awla tal-Qorti Ċivili – 17 ta' Lulju, 1981; **Vassallo vs Pace** - Vol.LXX.II.144 u **Zammit vs Petrococchino** – Appell Kummerċjali – 25 ta' Frar, 1952).

Kif ingħad fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Sede Inferjuri nhar it-tmienja w għoxrin (28) t'April, 2004, fl- ismijiet **Emanuel Ciantar vs David Curmi noe**:-

> ***"Fil-kamp civili l-piz tal-prova huwa mixhut fuq min jafferma fatt, u mhux fuq min jinnegah. B'danakollu, f'kawza civili, d-dolo jista' jigi stabbilit anke permezz ta' presunzjonijiet w indizji, purke s'intendi jkunu serji, precizi u konkordanti, b'tali mod li ma jhallu l-ebda dubju f'min hu msejjah biex jiggudika.***
>
> ***Huwa ben maghruf, f'materja konsimili, li mhux kwalunkwe konflitt, kontradizzjonijiet jew inezattezzi fil- provi, ghandhom ihallu lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessita` li minhabba fihom, ma tkunx tista' tiddeciedi b'kuxjenza kwieta jew jkollha b'konsegwenza taqa' fuq ir-regola ta' in dubio pro reo***.

Fil-kamp ċivili, għal dak li hu apprezzament tal-provi, l-kriterju ma huwiex dak jekk il-ġudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijiet mgħotija lilu imma jekk dawn il-fatti humiex tali li huma verosimili għal dak li ġara. Illi għalhekk dan il-prinċipju tal-bilanċ tal-probabilitajiet marbuta mal-fatti huma l-bażi tal-azzjoni civili. Dan għad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali, fejn il-ħtija trid tirriżulta mingħajr ma tħalli dubju raġjonevoli.

Illi pero' f'dan il-każ kemm l-attur u l-konvenut jagħtu żewġ verżjonijiet differenti ta' kif seħħew il-fatti speċjalment fuq ix-xogħol li kellu jsir. Illi minn naħa tal-istess attur huwa kien qabbad kumpanija sabiex iħejju rapport tax-

xogħol li kien sar. Illi f'dan ir-rapport li jinsab a fol 34, isemmi ċerti nuqqasijiet li saru u anki s-soluzzjonijiet li kellu jsir ħalli jirranġaw il-problemi. Illi mill-istess dokumenti li ġew esebieti, ġiet preżentata invoice (ara fol 36 et seq) ta' spejjeż li saru sabiex jiġi irranġat ix-xogħol li kien sar. Illi mill-provi tal-każ ħareġ li l-konvenut kien tqabbad mill-istess attur sabiex jesegwixxi x-xogħol. Illi fil-każ odjern, l-istess konvenut kien qajjem l-eċċezzjoni li ma kienx hemm relazzjoni ġuridika mal-istess attur iżda dan il-punt ġie deċiż mill-istess Qorti tal-appell li fil-fatt kien hemm din ir-relazzjoni ġuridika. Illi l-istess konvenut kien tqabbad sabiex jagħmel xogħol ta' installazzjoni tal-arja kundizzjonata, plumbing u s-sistema tad-dranaġġ. Illi għalhekk kien hemm ftehim sabiex l-istess konvenut jesegwixxi dan x-xogħol skont il-ħila, s-sengħa u l-arti li teħtieġ biex isir dan ix-xogħol.

Illi għalhekk l-ewwel din il-Qorti sejra tidħol fil-kwistjoni tal-appalt li kellu jiġi esegwiet mill-konvenut. Illi skont l-artikolu 1633 tal-Kap 16 jgħid li *meta wieħed jiġi mqabbad għal xi xogħol jista' jiġi miftiehem li hu għandu jagħti biss ix-xogħol jew is-sengħa tiegħu, inkella jagħti wkoll il-materjal.* Illi ma' dan il-fatt sejra ssir referenza għal dawn il-punti saljenti fejn intqal hekk kwotati fis-sentenza mgħotija mill-Imħallef Philip Sciberras nhar is-6 t'Ottubru 2004, fil-kawża bl-ismijiet **Pierre Darmanin vs Moira u Christopher konjuġi Agius**, fejn intqal hekk:

> *"(1) Bhala l-ewwel principju huwa dottrinalment u gurisprudenzjalment ricevut illi l-appaltatur ghandu l-obbligu li jezegwixxi x-xoghol lilu kommess fis-sens li huwa ghandu l-obbligu wkoll li jara li dan ix-xoghol ikun sejjer isir utilment u mhux b'mod li l-quddiem juri difetti. "L'imprenditore ha l'obbligo di eseguire bene l'opera commessagli, secondo i dettami dell'arte sua, e deve prestare almeno una capacita` ordinaria" (**Kollez Vol XXVII pI p373**). Dan fis-sens li hu "ghandu jiggarantixxi l-bonta` tax-xoghol tieghu" (**Kollez Vol XL pI p485**).*
>
> *(2) "L-appaltatur li jezegwixxi hazin ix-xoghol li jifforma l-oggett ta' l-appalt huwa responsabbli ghad-dannu kollu li jigi minn dik l-ezekuzzjoni hazina" (**Kollez. Vol XXXVII pIII p883**). Ghax kif jinsab ritenut ukoll "f'kaz bhal dan hu ghandu mill-ewwel ma jaghmelx ix-xoghol jew ikollu jirrispondi ghad-difetti li jigu l-quddiem" (**Mario Blackman -vs- Carmelo Farrugia et noe**", Appell Kummercjali, 27 ta' Marzu 1972).*
>
> *(3) Dan hu hekk avvolja jkun hemm l-approvazzjoni tax-xoghol (**Kollez. Vol XLI pI p667**) jew l-appaltatur ikun mexa skond l-ispecifications jew l-istruzzjonijiet lilu moghtija mill-kommittent. "E` dovere dell'appaltatore di resistere ad ordini che egli vedesse pregiudizievoli alla solidita` e contrarii alle buone regole dell'arte" (**Kollez Vol XXV pI p727**). Kif ahjar imfisser u spjegat, "l-appaltatur hu obbligat u hu dejjem responsabbli li jaghti lill-appaltant opra sodisfacenti, u ma jistghax jallega li x-xoghol sar mhux sewwa ghax hu ghamlu kif ried il-kommittent, billi l-appaltatur hu obbligat jirrezisti*

*ghal kwalunkwe intromissjoni tal-kommittent" (**Kollez. Vol XLII pII p1003**).*

*(4) Huwa pacifiku ukoll illi l-hlas tal-prezz tal-appalt jew il-hlas akkont ma jfissrux necessarjament approvazzjoni tax-xoghol jekk dan fil-fatt jirrizulta difettuz (**Kollez. Vol XLI pII p892**);*

*(5) Meta allura jirrizultaw dawn id-difetti, kif certament hu l-kaz in ispecje, l-appaltatur jitqies in kolpa minhabba inadempiment. "Il-kolpa kontrattwali hija dik li tikkonsisti fin-nuqqas ta' l-ezekuzzjoni, jew f'ezekuzzjoni hazina, ta' l-obbligazzjoni rizultanti mill-kuntratt" (**Kollez. Vol XXXVIII pI p292**).*

*(6) Effettivament, it-tutela akkordata mil-ligi lill-kommittent tinkwadra ruhha fl-ambitu ta' dik ir-responsabilita` kontrattwali normattiva minhabba inadempiment. Li jfisser li l-kommittent jista' jopta li jagixxi gudizzjarjament jew bl-ezekuzzjoni specifika ta' l-appalt jew bl-azzjoni li twassal ghar-rizoluzzjoni tal-kuntratt (Art 1069 (1) tal-Kodici Civili). Fil-kaz il-wiehed jew l-iehor il-kommittent ikollu d-dritt jirreklama d-danni (Art 1069 (2)).*

Illi wkoll fis-sentenza **Ivan Borg pro et noe vs George Aquilina** et deċiża fis-19 ta' Ottubru 2005 mill-Qorti tal-Appell Inferjuri, intqal hekk:

*"In tema ta' kuntratti d' opera jew ta' appalt, it-tehid in konsenja da parti tal-kommittent mhux dejjem, u bilfors, jekwivali ipso facto ghall-accettazzjoni bla rizerva ta' l-opra jew tax-xoghlijiet appaltati u, allura wkoll, ghal xi konsegwenti rinunzja ghall-azzjoni jew difiza fil-kaz li jigu riskontrati difetti taht il-profil tekniku u fattwali. B' mod partikulari, ma jitqiesx sufficjenti li jigi ritenut illi bl-accettazzjoni l-kommittent implicitament irrinunzja ghall-garanzija kontra l-vizzji u difformita` palesi fl-opra jew ix-xoghlijiet konsenjati. Jibqa' dejjem attiv il-principju illi "l-artefici ghandu jiggarantixxi l-bonta tax-xoghol tieghu, u din il-garanzija hi mplicita`" (**Kollez. Vol. XL P I p 485**). Ma jistax allura in linea ta' massima japprofitta ruhu mill-fatt ta' l-accettazzjoni jekk jinstab li hu jkun itrasgredixxa d-dettami ta' l-arti tieghu. Dan ghaliex hu kien mill-bidunett obbligat jezegwixxi l-opra miftehma skond is-sengha (**Kollez. Vol. XLI P II p 892**). Ghalhekk il-kommittent, konvenut fil-gudizzju mill-appaltatur ghall-hlas tal-korrispettiv jista' dejjem igib 'il quddiem difiza inerenti ghall-garanzija kontra l-vizzji fix-xoghlijiet. Biex jista' jinghad li l-kommittent ikun irremedjabilment tilef, jew tacitament irrinunzja, ghal tali dritt irid ikun ghadda tul ta' zmien apprezzabbli bejn il-konsenja u d-denunzja tad-difetti..,"*

Illi wkoll ai termini tal-Artikolu 1125 tal-Kap 16, "*Kull min jonqos li jesegwixxi obbligazzjoni li huwa jkun ikkuntratta, hu obbligat għad-danni.*" In tema ta' danni, l-Artikolu 1135 tal-Kap 16 jipprovdi li "*d-danni li għandhom jitħallsu*

*lill-kreditur huma, b'mod ġenerali, għat-telf li jkun bata' u l-qligħ li jkun ġie mtellef."*

Fis-sentenza **AX Construction Limited vs. Tony Mallia Bonello** mogħtija fl-10 ta' Ottubru 2005, il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) irriteniet illi:

> "*In tema, hu pacifikament stabbilit f'bosta decizjonijiet illi l-kreditur ghandu jipprova l-inadempiment tad-debitur. Una volta jirnexxielu jaghmel dan, jaqa' mbaghad fuq id-debitur il-piz li jipprova li dak l-inadempiment kien dovut ghal xi haga barranija li taghha hu ma kienx responsabbli. Jigifieri sta ghad-debitur li jipprova li hu ma kellux htija billi adopera d-diligenza tal-bonus paterfamilias. Jekk dik il-prova ma ssirx, id-debitur jitqies fi htija u jidhol responsabbli ghad-danni. Ara a propozitu, fost ohrajn, sentenzi a Vol. XXVII P I p 912; Vol.XXXVII PI p 197 u Vol. XXXIX PII p 585;*

Fis-sentenza fl-ismijiet **Mekanika Limited vs Ewrobyte Limited** deċiża fl-10 ta' Novembru 2010, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għamlet is-segwenti osservazzjonijiet dwar il-kuntratt t'appalt:

> *… Illi meta parti tkun intrabtet li twettaq xi haga u ma ttemmhiex, il-parti l-ohra (jigifieri, l-kreditur tal-obbligazzjoni) tista` tinghata s-setgha li twettaqha hi bi spejjez ta` min ikun naqasha (jigifieri, d-debitur tal-obbligazzjoni) [Art. 1127 tal-Kap 16]. Kreditur ta` obligazzjoni li haddiehor ikun intrabat mieghu li jwettaq, u dan jonqos li jwettaqha, ghandu l-ghazla li jishaq mad-debitur tal-obbligazzjoni li jwettaq dak li ntrabat li jaghmel [P.A.* ***13.12.1952*** *fil-kawza fl-ismijiet* ***Galea vs Calleja*** *(Kollez. Vol* ***XXXVI.ii.578****)] u, f`kaz li l-adempiment ma jkunx ghadu jista` jsir aktar, li jitlob il-hlas tad-danni mgarrba minhabba dak in-nuqqas [Kumm.* ***13.2.1952*** *fil-kawza fl-ismijiet* ***Petroni vs Petroni noe*** *(Kollez. Vol:* ***XXXVI.iii.629****)] liema danni jissarrfu fit-telf li l-kreditur ikun garrab u fil-qligh li jkun imtellef minhabba l-inadempiment [Art. 1135 tal-Kap 16]. Illi d-danni mahsuba mil-ligi ghan-nuqqas ta` twettiq ta` obbligazzjoni jew ghat-twettiq tardiv taghha huma t-telf imgarrab mill-kreditur u/jew il-qligh imtellef [Art. 1135 tal-Kap 16] sakemm jintwera li tali telf jew tali qligh imtellef ikunu leffett immedjat u dirett tan-nuqqas tat-twettiq tal-obbligazzjoni [Art. 1137 tal-Kap 16].*
>
> *Fejn in-nuqqas ta` twettiq ma jkunx gej minn ghamil doluz tad-debitur, id-danni mgarrbin mill-kreditur li huwa obbligat jaghmel tajjeb ghalihom huma dawk li basar jew wiehed sata` jobsor li jiggarrbu fiz-zmien tat-twettiq tal-obbligazzjoni [Art. 1136 tal-Kap 16]. Illi huwa stabbilit ukoll li meta n-nuqqasijiet fit-twettiq ta` hatra ma jkunux sostanzjali, l-appaltatur ma jistax jitqies inadempjenti, imma jibqa` obbligat li jaghmel tajjeb in-nuqqas jew jaccetta tnaqqis f`dak li jisthoqqlu jithallas [P.A. MCC* ***9.4.1968*** *fil-kawza fl-ismijiet* ***Anglu Busuttil vs Pio Fedele et*** *(mhix pubblikata)]. Izda fejn in-nuqqas ikun wiehed qawwi, ma jkun jisthoqqlu l-ebda hlas u jgib mieghu s-*

*sanzjonijiet mahsuba mil-ligi, u l-fatt li l-appaltant ikun wettaq xi hlas jew sahansitra l-hlas kollu tal-prezz miftiehem ma jwassalx biex l-appaltatur jitqies li jkun wettaq appalt meta mic-cirkostanzi jkun jidher li dan m`huwiex il-kaz [App. Inf.* ***28.1.2008*** *fil-kawza fl-ismijiet* ***Selective Quality Letting Ltd vs Mall Systems Ltd].***

*Illi kull meta wiehed jintrabat li jwettaq obbligazzjoni huwa mistenni li jaghmel dan bl-ghaqal ta` missier tajjeb tal-familja [Art. 1132(1) tal-Kap 16]. Dan ghaliex, ukoll fejn id-debitur ma jkunx mexa b`mala fidi, huwa jrid jaghmel tajjeb ghal kull dannu li jgarrab il-kreditur tal-obbligazzjoni kemm dwar in-nuqqas ta` twettiq tar-rabta u kif ukoll dwar id-dewmien fl-ezekuzzjoni [Art. 1133 tal-Kap 16].*

*Biex jehles minn dawn l-effetti, id-debitur irid juri li n-nuqqas ta` twettiq talobbligazzjoni jew id-dewmien fit-twettiq taghha fiz-zmien miftiehem kienu kawza ta` haga barranija li huwa ma kienx jahti ghaliha, bhal fil-kaz ta` accident jew forza magguri (Art.1134 tal-Kap 16).*

*Meta parti f`kuntratt tonqos li twettaq dak li ntrabtet bih, trid thallas lill-parti lohra d-danni. Hawhekk jidhlu fis-sehh id-dispozizzjonijiet tal-artikoli 1640(3), 1125 u 1135 tal-Kodici Civili. Illi jkun xieraq li wiehed izomm quddiem ghajnejh li ladarba d-danni mitluba huma ta` sura kuntrattwali, l-ghan taghhom irid ikun dak li jaghmlu tajjeb ghallhsara li l-parti kontraenti mgarrba turi li batiet minhabba l-ksur kuntrattwali talparti l-ohra, u m`ghandhomx ikunu ghodda ta` kastig jew penali kontra dik ilparti inadempjenti u lanqas okkazjoni ghall-parti mgarrba li tistaghna bi hsara tal-parti inadempjenti [App. Kumm.* ***15.12.1952*** *fil-kawza fl-ismijiet* ***Calleja noe vs Mamo pro et noe*** *(Kollez. Vol:* ***XXXIV.i.367****)].*

*B`mod partikolari, min, minhabba ksur ta` rabta kuntrattwali li jkun dahal ghaliha, jsir responsabbli ghall-hlas tad-danni lill-parti l-ohra jrid jaghmel tajjeb ghal kull dannu li ragonevolment jitqies konsegwenti direttament ghal dak innuqqas [P.A. PS* ***23.4.2010*** *fil-kawza fl-ismijiet* ***Joseph Dalli et vs Mediterranean Film Studios Ltd.*** *(mhix appellata)] filwaqt li l-istess parti mgarrba ghandha d-dmir li tiehu l-passi mehtiega biex tnaqqas kemm jista` jkun dak id-dannu jew tal-anqas ma taghmlux aghar [App. Inf.* ***3.11.1956*** *fil-kawza flismijiet* ***Xuereb vs Livick*** *(Kollez. Vol:* ***XL.i.63****)].*

**Ikkunsidrat**

Illi f'dan il-każ, il-konvenut kien ġie mqabbad mill-istess attur sabiex jesegwixxi xi xogħol fuq bastiment taħt id-direzzjoni tiegħu. Illi għalkemm il-konvenut eċepixxa li ma kienx hemm relazzjoni ġuridika bejnu u l-attur, dan

il-fatt kien ġie deċiż mill-Qorti tal-Appell fejn ġie stab li kien hemm. Illi mill-provi f'dan il-każ irriżulta li l-attur kellu jerġa' jagħmel xi xogħol ieħor in konnessjoni ma' xogħol li kien għamel il-konvenut minħabba li ma kienx skont l-arti, il-ħila u s-sengħa. Illi min-naħa tal-istess konvenut huwa nnega li b'xi mod kien għamel xogħol ħażin. Wara li kien ġie konfrontat b'rapport li sar minn kumpanija oħra li ġie esebieti f'dawn il-proċeduri, semma li dawn kienu kompetituri tiegħu fl-istess xogħol li jagħmel hu. Illi għandu jingħad li għalkemm huwa semma li tħallas tax-xogħol li għamel mis-sidien tal-bastiment u ta' dan esebixxa wkoll ftehim li sar bejn il-partijiet, dan il-fatt waħdu jindika li s-sidien kienu kuntenti bix-xogħol. Illi għalhekk ma kienx qiegħed jara għalfejn għandu jħallas xi somma lill-attur ta' dak li kien sar wara dan il-ftehim. Illi skont l-istess attur, is-sidien tal-bastiment kienu naqsu mill-ħlas li huwa kellu jieħu s-somma tax-xogħol li huwa kien għamel minħabba li l-konvenut ma kienx għamel x-xogħol tiegħu kif suppost. Illi fil-fatt skont l-istess kumpanija mqabbda minnhu kellu jagħmlu xogħol addizzjonali sabiex jirranġaw dak li kien għamel. Tant li minħabba dawn in-nuqqasijiet kellhom jerġgħu jaqilgħu għamara li twaħħlet wara li kien sar ix-xogħol fuq is-sistema mqabbda. Illi għandu jingħad li għalkemm l-istess konvenut innega kemm il-darba li għamel xogħol ħażin, huwa ma kkontestax il-fatt tax-xogħol rimedjali li kienu għamlu l-kumpanija oħra mqabbda mill-istess attur. Illi wkoll il-maggior parti tal-enfasi tiegħu kien biss li huwa kellu diversi problemi mal-istess attur u dan minħabba l-fatt li ma kienx qiegħed jitħallas ta' xogħolu fiż-żmien mifthiem.

Il-kontestazzjoni tal-konvenut iddur fuq il-fatt biss li huwa għamel xogħol tajjeb u strah fuq il-fatt li s-sidien ħallsuh ta' kollox. Illi pero' min-naħa tal-attur, għalkemm qal li hu ma kienx jaf bih dan il-ftehim, tant li lanqas kien jagħmel parti minnu, il-ħlas li huwa qiegħed jitlob jikkonċerna biss ix-xogħol rimedjali u l-qlugħ tal-għamara li minħabba x-xogħol ħażin li kien seħħ wassal għal spejjeż żejda. Illi dan l-ammont tħallas minnu sabiex jagħmel tajjeb għal dawn in-nuqqasijiet. L-attur ilmenta kemm il-darba li l-konvenut ma kienx ikun fuq il-post tant li wasal jgħid l-konvenut kien ikun dejjem fuq il-post iżda fuq il-ħlas tan-nies li kienu fuq ix-xogħol mhux dejjem jindika li kien qiegħed ikun hemm u lanqas jista' jingħad li fl-istess invoices jidhru li kien hemm persuni jagħmlu x-xogħol, il-Qorti ma tistax tassumi li kien l-istess konvenut li kien ikun preżenti. Illi jidher ukoll li l-istess konvenut kellu taħt id-direzzjoni tiegħu persuna li mhux kwalifikata sabiex tagħmel ix-xogħol. Illi għalkemm l-konvenut semma li kien li jagħmel ix-xogħol tal-brazing però ma semma xejn x'kien l-involviment kontinwu tax-xogħol tiegħu.

Kwantu t-talba għad-danni, fuq struzzjonijiet magħmula minn soċjeta' mqabbda mill-istess attur ħadet ħsieb illi jsiru diversi xogħolijiet rimedjali kollha mnizzla fl-istess rapport magħmul minnhom u tax invoice esebieti f'dawn il-proċeduri.

Ma jirriżultax li l-attur nkorra xi spejjeż oħra. Lanqas ma jirriżulta li kien hemm riperkussjonijiet oħra għall-attur.

Jidher għalhekk illi l-pretensjoni tal-attur hija ikkorroborata mill-fatturi relattivi kif ġa ingħad. Min-naħa tiegħu, il-konvenut jilqa' għal dan billi jgħid li huwa dejjem għamel suġġerimenti tiegħu lill-attur rigward ix-xogħol li kellu jsir u l-materjal li huwa kellu jixtri minħabba li l-attur ma kienx jixtri li kellhom jintużaw. Illi huwa waħħal dejjem fl-attur li x-xogħol ma kienx tajjeb minħabba li ma kienx hemm pjan u ma kienx hu li iddisinja l-installament ta' l-affarijiet tax-xogħol li huwa kellu jagħmel. Għalhekk huwa baxxa rasu u għamel hekk, inkluż fejn ma' kienx jaqbel u kien jidhirlu li kienu ħżiena tant li ħass li kellu jgħid li huwa ma kellux ikollu x'jaqsam magħhom. Il-konvenut ma' kkontestax il-fatturi miġjuba mill-attur sabiex jagħmel prova tal-ispejjeż rimedjali li nkorra u anqas ikkontradixxa l-istess jew lix-xhieda li kkonfermaw il-fatturi bħala dawk maħruġa minnhom u saldati mill-attur.

Illi jibqa l-fatt, li l-istess sidien tal-vapur li fuqhu kien qiegħed isir ix-xogħol kienu ħallsu għal dak ix-xogħol li kien wettaq l-istess konvenut ma ġiex ikkontestat mill-istess soċejta' attriċi. Illi ma nġiebet ebda prova li fil-fatt l-istess soċjeta' attriċi tnaqssu xi ħlasijiet lilha mill-istess sidien tal-vapur li fuqu kien qiegħed isir ix-xogħol. Illi din il-Qorti rat li l-istess sidien ħallsu dak li kien dovut u anki twaqqgħet il-kawża li kien fetaħ l-istess konvenut kontrihom. Illi għalhekk ma kienx hemm kwistjoni li x-xogħol kien sar ħażin ladraba huwa tħallas dak li kien dovut. Illi min-naha tas-soċjeta' attriċi qegħda tikkontendi li x-xogħol ma kienx sar tajjeb tant li kellu jsir xogħol rimedjali. Illi f'dawn il-proċeduri ħadd mis-sidien tal-vapur ma tela' jixhed u jagħti spjegazzjoni għala kienu ħallsu tax-xogħol u lanqas għall-fatt li kienu naqsu xi flus lis-soċjetà attriċi minħabba x-xogħol rimedjali li kellu jsir. Illi kieku għal dan il-fatt, ma kienx hemm għalfejn li l-istess soċjetà tiftaħ proċeduri kontra l-istess konvenut iżda se mai kienet tikkontesta l-fatt li tnaqqas l-ammont kontra tagħha mill-istess sidien tal-vapur la kienu kuntenti bix-xogħol li kien għamel l-istess konvenut.

**Decide**

**Għal dawn ir-raġunijiet din il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi tiċħad it-talba kif magħmulha mis-soċjeta' attriċi u tordna li l-ispejjeż ta' din il-kawża jitħallsu mis-soċjeta' attriċi.**

**Dr. Caroline Farrugia Frendo**

**Maġistrat**

**Maria Grech Cardona**

**Deputat Reġistratur**